MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Numru 407/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**Versus**

**Matthew Micallef**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Matthew Micallef ta' 19-il sena bin Philip u Mary Anne nee Zammit, imwieled il-Pieta' fit-13 ta' Ġunju 1987, residenti 'Sardinella' Sqaq il-Qenċ Żebbuġ u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 267287 (M)

Akkużat talli

(1) f'dawn il-Gżejjer f'Marzu 2007 jew fix-xhur ta' qabel, approprija ruħu billi dawwa fi profit għalih jw persuna oħra minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew

ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd ta' ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe' ħa u żamm ammont ta' flus li jeċċedi l-mitt lira Maltija (Lm100) iżda anqas minn elf lira Maltija (Lm1000) għad-dannu ta' Anthony Saliba (ID 22365G) u liema flus keinu ġew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu;

(2) U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fit-2 ta' Marzu 2007, b'xi mod li jkun xjentement għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti illi bihom dawn għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqu pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlu dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati inkella billi żiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ċertifikat tal-VRT flaz;

(3) kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi b'xi mod li jkun xjentement għent jew assistejt lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom dawn minħabba l-kariga jew l-impieg tagħhom kienu fid-dmir li jagħmlu jew jagħtu dikjarazzjoni jew ċertifikat u għamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz u cioe' ċertifikat tal-VRT falz;

(4) u aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjenetement għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti illi bihom dawn għamlu falsifikazzjoni fi skrittura private li setgħet tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib jutli u cioe' ċertifikat tal-VRT falz;

(5) kif ukoll fl-istess data, lok u ċirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assita lill-awtur jew awturi tad-elitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom jew għal ħaddieħor f'xi dokument maħsub għall-awtorita' pubblika xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz u cioe' ċertifikat tal-VRT foloz;

(6) U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fit-3 ta' Marzu 2007 ġiegħel, ħalla jew ippermetta li tinstaq vettura tal-għamla Peugeot 205 bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS-297 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Pulizija jw mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja mhux imġedda) jew mingħajr liċenzja tas-sewqan speċifikata għall-imsemmija vettura;

(7) Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi ġiegħel, ħalla jew ippermetta li tinstaq vettura tal-għamla Peugeot bin-numru tar-Reġistrazzjoni HAS-297 mingħajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar riskji ta' terzi persuni;

Il-Qorti ntalbet sabiex minbarra li tagħti l-piena stabbilita tordna li l-akkużat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-tweldi tal-imputat li jġib in-numru 2672 tal-1987, il-fedina penali tiegħu, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-istqarrija tal-imputat a fol 15, l-istqarrija l-oħra tiegħu a fol 18, (it-tnejn magħmula fis-27 ta' Marzu 2007), id-dokument SB a fol 31 et, id-dokument GD a fol 41, u dokument BF 1 a fol 72.

Rat ukoll li fil-verbal tas-26 ta' Frar 2009 kienu ammessi l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet iżda mhux is-sitt u s-seba' imputazzjoni.

Għaldaqstant, l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni huma ppruvati skond il-Liġi.

Ghalhekk is-sitta u s-seba' imputazzjoni huma kontestati.

Illi s-sitt imputazzjoni hija li l-imputat gieghel jew ippermetta li tinstaq vettura tal-ghamla Peugeot 205 bin-

numru tar-registrazzjoni HAS-297 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija. Jirrizulta mill-atti bhala prova li l-karozza msemmija nstaqet minn persuna li kienet mal-imputat. (Ara fol.25). Barra dan il-karozza ma kellhiex VRT ghaliex kienet saret talba bl-e-mails sabiex ic-certifikati jkun kkancellati (Ara fol.28).

Mix-xhieda ta’ Tony Saliba jirrizulta li dan ix-xhud kien xtara l-Peugeot 205 billi ta karozza lill-imputat u maggha ziedlu Lm500. (Fol 20). Skond ix-xhud il-Peugeot ittiehdt minn wara l-bieb tieghu u ma ngibitx aktar lura. A fol 23 ix-xhud qal ukoll li kien sar jaf li sid il-Peugeot kien hadd iehor u mhux l-imputat. Filfatt dan ix-xhud qal hekk:

‘Dan lanqas hu tieghu dan il-Peugeot. Dan qabad u fetah go xi garaxx, qabad u biegh il-Peugeot ghax kien fuq missierhom.’

Bhala punt ta’ dritt galadarba sar il-bejgh jew tpartit, sid il-karozza kien sar Tony Saliba. Huwa tassew li meta dan induna li ma setax ikollu certifikat tal-VRT, allura dan ried li l-ftehim jitregga’ lura izda bhala stat ta’ fatt il-kuntratt li kien sar bejn l-imputat u dan ix-xhud kien ghadu fis-sehh.

Skond l-Att dwar it-Taxxa fuq Id-Dokumenti, l-iskrittura ghat-trasferiment ta’ karozza m’ghadhiex necessarja. Kif kienet is-sitwazzjoni legali qabel ma saru l-emendi fl-Att li qed issir referenza ghalih din l-iskrittura kienet necessarja ad validatem biex ikun sehh il-kuntratt ta’ bejgh. Fil-fatt il-kazistika tal-Qrati taghna kienet timxi ma’ din il-massima. Hekk filp-kaz ‘Antonio Aquilina versus Nicola Cassar’ (7 t’Ottubru 1955) kienet qalet hekk:

***‘Fl-istat attwali tal-Ligi tal-Boll, jigifieri kif emendate bl-Att XVIII tal-1951, fin-nuqqas ta’ skrittura f’kaz ta’ trasferiment jew twellija, dak it-trasferiment jew twellija ma jkunx jiswa bhala titolu ta’ azzjoni f’kawza.***

***Ghaldaqstant, meta l-kawzali tad-domanda hu l-ftehim li sar fil-bejgh ta’ karozza minghajr il-formalita’ tal-iskrittura, it-titolu tal-azzjoni hu dak il-bejgh, li ma***

***jsitax iservi bhala titolu ta' azzjoni; u kwindi din hija inammissibbli.'***

L-istess kienet qalet il-Qorti fil-kaz 'George Ellul versus George Scerri et' (28 ta' Frar 1957):

***'Bejgh ta' karozza ghandu jsir bil-miktub. Fin-nuqqas ta' dik il-formalita', dak il-bejgh ma jiswiex bhala titolu ta' azzjoni f'kawza. U dak il-bejgh huwa null, ipso iure, inezistenti.'***

Izd l-pozizzjoni llum hija differenti. Din l-iskrittura m'ghadhiex mehtiega ghaliex l-artikolu relevanti kien abolit fis-sena 2002.

Ghalhekk dak li jregi legalment ghal dak li hu bejgh jew tpartit ta' karozzi huwa l-kodici civili.

Jekk wiehed isegwi din il-massima, mela galadarba kien sar ftehim fuq l-oggett u fuq il-prezz il-Peugeot kienet saret propjeta' ta' Tony Saliba u sakemm il-ftehim ma kienx rexiss baqghet tghajjet lilu.

Dan qed jinghad ghaliex l-artikolu 15(1)(b) tal-Kap 65 jghid hekk:

'jippermetti li l-karozza **tieghu** tinstaq minn persuna li ma tkunx licenzjata biex issuq karozza jew vettura ohra.'

Mill-provi (a) ma kienx ippruvat li l-imputat saq il-Peugeot in kwistjoni izda siehbu u ghalhekk ma nkisirx l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65

(b) li l-Peugeot legalment ma kinitx ghadha tal-imputat ukoll jekk ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ried jinhall mill-kuntratt ta' bejgh jew tpartit li kien ghamel. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-imputat ippermetta li l-karozza **tieghu** tinstaq ghaliex il-karozza **ma kienet tieghu xejn**. Isegwi li ma nkisirx l-artikolu 15(1)(b) tal-Kap 65. Konsegwentement ma nksirx ukoll l-artikolu 3(1) tal-Kap 104.

Il-Qorti qed tillibera lill-imputat mis-sitt u s-seba' imputazzjoni u konsegwentement mhix qed tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni dwar l-iskwalifika mil-licenzji tas-sewqan.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 293, 294, 310 (1)(b), 42(d), 183, 42(d) u 185(2), 42(d) u 187(1), 42(d) u 188 kollha tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 15(1)(a)(b)(3) tal-Kap 65, ir-regolament 14 tal-LN 476/2004 u l-artikolu 3 tal-AKp 104 issib lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-hames imputazzjoni u qed tilliberah mis-sitt u mis-seba' imputazzjoni. B'dan pero' li r-raba' u l-hames imputazzjoni huma assorbiti fit-tieni u fit-tielet imputazzjoni. Minhabba li mill-ahhar verbal jirrizulta li ntlehaq ftehim bejn l-imputat u l-persuna l-ohra involuta fit-transazzjoni, il-Qorti flok tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin mil-lum. Il-Qorti spjegat la-rtikolu 22 tal-Kap 446 fi kliem semplici.**

Il-Qorti mhix tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ghas-sospensjoni tal-licenzji mis-sewqan u lanqas m'hi qed tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 ghaliex ma nhatru ebda esperti matul il-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------